MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Numru 318/2003

**Artikoli 95, 96, 339(1)(d), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 49 u 50 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**
**V**

**NEIL CARL FARRUGIA**

**Seduta ta' llum, 15 ta' April 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NEIL CARL FARRUGIA** ta' ghoxrin sena, bin Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 1982 u joqghod 18, Triq Santa Marija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 347982M, gie imressaq quddiemha akkuzat

1. talli nhar l-erbatax ta' April 2003 filghaxija fin-Naxxar, ingurja jew hedded jew ghamel offiza ta' natura fuq il-persuna ta' l-Ispettur Simon Galea, PC 717 Stephen Griam u WPC 127 Carmen Gauci inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu tali servizz jew bi hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika b'tazza tal-hgieg f'idu kontra PC 717 Stephen Grima u WPC 127 Carmen Gauci persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Talli hebb u hedded lil PC 717 Stephen Grima u WPC 127 Carmen Gauci.

4. Talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel d-dmirijiet tighu;

5. Talli kiser bil-lejl il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat jew b'mod iehor;

6. Talli qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

7. talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula; u

8. Talli kkagujna feriti ta' natura hafifa skond kif ccertifika Doctor J. Scicluna mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istatement rilaxxat mill-imputat a tempo vergine.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta' April 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti ikkunsidrat l-iskuza bikrija tal-imputat fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u li l-istess Ufficjali tal-Pulizija accettaw tali skuza u fil-fatt hafru lil istess imputat, qisiet wkoll l-fatt kif spjiegat mill-Prosekuzzjoni li l-feriti subiti minn WPC 127 Carmen Gauci kienu feriti ta' natura hafifa.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95, 96, 339(1)(d), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 49 u 50 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat NEIL CARL FARRUGIA hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u fuq ammissjoni tieghu stess tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------